**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1238/2018 MS*

**R&E Online Marketing Limited**

**Vs.**

**Egaminglab Limited**

Illum, 13 ta' Marzu, 2025

Kawża Numru:

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-11 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu, wara li hija ppremettiet hekk:

Illi permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Ottubru 2017 u intitolat "White Label Partner Agreement" is-soċjetà konvenuta obbligat ruħha illi tipprovdi lis-soċjetà attriċi, versu l-pagamenti u t-termini u kondizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt (hawn anness Dokument "REOM1"):
a. Liċenzji għall-operat tal-logħob ta' l-azzard, l-użu ta' Software Platform u l- prodotti u s-servizzi kollha elenkati f' "Annex A" anness ma' l-imsemmi kuntratt;
b. ix-xogħol kollu rikjest sabiex l-imsemmi Software Platform, il-fornituri tal- prodotti ("Providers") u l-prodotti ("Products") nfushom jiġu integrati fuq is- sit elettroniku tas-soċjetà esponenti, kif huwa deskritt f' "Annex B" anness ma' l-imsemmi kuntratt; u
c. ix-xogħol, is-servizzi u l-prodotti rikjesti sabiex jiġu amministrati t- tranżazzjonijiet effettwati tramite s-Software Platform, inkluż il-manteniment tad-database ta' l-utenti, kif huwa deskritt f' "Annex A" anness ma' l-imsemmi kuntratt;

Illi effettivament is-soċjetà konvenuta naqset milli tonora l-obbligi assunti minnha verso s-soċjetà esponenti abbażi ta' l-imsemmi kuntratt (Dokument 'REOM1') billi naqset milli tipprovdi diversi servizzi illi ntrabtet illi tipprovdi u billi diversi mis-servizzi illi effettivament provdiet kienu milquta b'nuqqasijiet serji, tant illi l-inadempiment kuntrattwali tas-soċjetà konvenuta poġġa lis-soċjetà esponenti f'l-impossibbiltà illi topera u tinnegozja fil-logħob ta' l-azzard skont kif kien maħsub fil-kuntratt imsemmi (Dokument 'REOM1');

Illi fil-fatt is-soċjetà konvenuta naqset, inter alia, milli tipprovdi:
a. Servizzi ta' traduzzjoni adegwati biżżejjed sabiex il-ġugaturi jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jagħmlu użu mis-servizzi tal-logħob ta' l-azzard in kwistjoni;
b. Numru ta' casinos mill-elenku ta' casinos stipulat f' "Annex B" anness mal- kuntratt in kwistjoni (Dokument 'REOM1') fosthom, 'Authentic Gaming', 'Evolution Live Dealer', 'Play n Go' u 'Quickspin';
c. Live Casino funzjonabbli;
d. Live event streams funzjonabbli;
e. Biżżejjed riżorsi umani sabiex jipprovdu l-għajnuna professjonali meħtieġa, kontinwament u f'waqtha, f'dan is-settur;

Illi minkejja li s-soċjetà esponenti tat lis-soċjetà konvenuta diversi opportunitajiet sabiex tirrimedja n-nuqqasijiet serji riskontrati u finalment tonora l-obbligi kuntrattwali assunti minnha s-soċjetà konvenuta xorta waħda baqgħat inadempjenti b'riżultat li s-soċjetà esponenti ma kellhiex

triq oħra għajr illi tittermina l-kuntratt in kwistjoni (Dokument 'REOM1') permezz ta' ittra datata 15 ta' Ottubru 2018 (hawn annessa Dokument 'REOM2');

Illi tant kemm is-soċjetà konvenuta ma kienitx f'pożizzjoni illi tonora l-obbligi kuntrattwali assunti minnha permezz tal-kuntratt imsemmi (Dokument 'REOM1') illi, biss l-għada illi s-soċjetà esponenti bagħtet l-avviż ta' terminazzjoni tal-kuntratt in kwistjoni, permezz ta' ittra datata 16 ta' Ottubru 2018 (hawn annessa Dokument 'REOM3'), is-soċjetà konvenuta bagħtet tgħarraf lill-klijenti tagħha kollha, inkluż lis-soċjetà esponenti, illi hija ser ixxolji n-negozju tagħha, li d-diretturi tagħha ser jirriżenjaw u li l-kuntratti ta' impjieg ta' l-impjegati tagħha ser jiġu terminati;

Illi b'konsegwenza diretta ta' l-inadempiment kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta, is-soċjetà esponenti sofriet danni ingenti;

Illi fid-dawl tas-suespost is-soċjetà esponenti ma kellhiex triq oħra għajr illi tistitwixxi l-proċeduri odjerni fil-konfront tas-soċjetà konvenuta;

Illi s-soċjetà esponenti taf b'dawn il-fatti personalment

ipproċediet biex titlob lill-Qorti, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet datat 6 ta' Ottubru 2017 (Dokument 'REOM1') ġie terminat b'riżultat ta' l-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta billi naqset milli tonora l-obbligi assunti minnha per forza ta' l-istess kuntratt;

2. Tiddikjara illi b'konsegwenza tal-ksur ta' l-obbligi kuntrattwali assunti minnha fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet datat 6 ta' Ottubru 2017 (Dokument 'REOM1') is-soċjetà konvenuta hija responsabbli għall-ħlas tad-danni lis-soċjetà esponenti;

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà esponenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, b'konsegwenza diretta ta' l-inadempjenza kuntrattwali da parti tas- soċjetà konvenuta billi naqset milli tonora l-obbligi assunti minnha per forza tal-kuntratt in kwistjoni (Dokument 'REOM1');

> 4. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà esponenti dik is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in lineja ta' danni għar-raġunijiet premessi;
>
> Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta r-rappreżentanti ta' liema huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni tagħha.

2. Rat li l-konvenuta, għalkemm kienet debitament notifikata, ma ressqet ebda tweġiba u għalhekk hija kontumaċi;

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti eżebiti, kif ukoll l-atti proċesswali;

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

5. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża għat-terminazzjoni ta' kuntratt u likwidazzjoni ta' danni li l-attriċi tgħid li ġarrbet minħabba inadempjenza kuntrattwali tal-konvenuta.

7. Bejn l-attriċi u l-konvenuta sar kuntratt datat 6 t'Ottubru 2017 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ «il-Kuntratt»)[1]. Skont il-Kuntratt:

   - il-konvenuta tat lill-attriċi permess u liċenza sabiex tagħmel użu minn *software platform* tagħha għall-iskop li l-attriċi tipprovdi servizzi u prodotti li ġew imniżżla fil-Kuntratt, kif ukoll intrabtet li tipprovdi servizzi konsistenti fl-integrazzjoni ta' sit elettroniku għall-attriċi u proċessar ta' tranżazzjonijiet mill-utenti tas-sit elettroniku in kwistjoni;
   - l-attriċi intrabtet li tħallas *licence and set up fee* kif ukoll *Gaming Engine Maintenance Fee* u *Platform Fee* li jkunu dovuti mensilment minn dakinhar li s-sit elettroniku jiġi varat;

[1] Fol.8.

- il-Kuntratt kellu jibqa' fis-seħħ għal erba' snin minn dakinhar li s-sit elettroniku jiġi varat, liema terminu kellu jiġġedded kull darba b'erba' snin sakemm xi ħadd mill-kontraenti ma jagħtix avviż kuntrarju bil-miktub mhux inqas minn sitt xhur mill-iskadenza tat-terminu kurrenti;
- il-klawsola numerata ħmistax (15) tal-Kuntratt tipprovdi għat-terminazzjoni f'każ li xi wieħed mill-kontraenti jikser xi obbligazzjoni li jkollu u jibqa' moruż wara għaxart ijiem li jirċievi avviż ta' dan il-ksur mill-parti l-oħra.

8. B'ittra datata 15 t'Ottubru 2018[2], l-attriċi kitbet lill-konvenuta sabiex tavżaha b'dawk li hija sejħet nuqqasijiet li l-konvenuta kienet naqset li tirrimedja minkejja ittra preċedenti tas-6 t'Awwissu 2018. Dawn in-nuqqasijiet ġew deskritti bħala żbalji ta' traduzzjoni, *casinos* mankanti, u aspetti differenti tas-sit elettroniku li kienu għadhom mhux funzjonanti. Fl-istess ittra ingħad ukoll li l-konvenuta kienet naqset milli tipprovdi assistenza kif imiss bl-impjegati tagħha[3]. Għalhekk kompla jingħad fl-istess ittra li l-attriċi, wara l-avviż formali mogħti skont il-klawsola 15.1(a) tal-Kuntratt, kienet qiegħda tagħżel li tittermina l-Kuntratt.

9. Fis-16 t'Ottubru 2018, il-konvenuta bagħtet tavża lill-klijenti tagħha li kienet sejra twaqqaf l-operazzjonijiet tagħha minħabba falliment[4].

10. Fil-kors tas-smigħ tal-kawża, l-attriċi ressqet bħala xhud tagħha lil Josef Debono, *accountant* li joffri s-servizzi tiegħu lilha[5]. Dan xehed dwar id-danni li ġarrbet l-attriċi b'konsegwenza tal-ksur tal-kuntratt min-naħa tal-konvenuta. Dawn id-danni, intqal minn dan ix-xhud, jikkonsistu mis-segwenti:

- pagi ta' impjegati li ġew imqabbdin esklussivament sabiex jaħdmu fuq il-Kuntratt;
- kera li l-attriċi ħallset għall-kiri ta' post mingħand wieħed mis-sidien benefiċċjarji tagħha;
- kontijiet tal-elettriku u tal-ilma dwar l-istess post;
- spejjeż sabiex jiġi mgħammar il-post mikri bħala uffiċċju;

---

[2] Fol.22.
[3] Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Emanuel Zarb, a fol.91.
[4] Fol.24.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tiegħu, a fol.93.

- spejjeż li ntefqu għal *subscriptions* relatati mal-informazzjoni teknoloġika;
- reklamar;
- spejjeż imħallsin lil professjonisti, inkluż Josef Debono stess, bi tħejjija għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-attriċi;
- ħlasijiet li l-attriċi għamlet lill-konvenuta b'rabta mal-Kuntratt;
- spejjeż tal-Qorti;
- depożitu li hija għamlet lill-konvenuta;
- spejjeż oħrajn lill-professjonisti li kienu għadhom sejrin isiru.

11. Il-kontumaċja fid-Dritt modern tirreferi ruħha għan-nuqqas ta' xi parti, jew tal-partijiet entrambi, li jidhru fil-proċess. «*È detta contumacia la non comparizione d'una o d'entrambe le parti nel processo; e poichè la comparizione avviene all'udienza, se una delle parti non compare, o non lo fa regolarmente, è dichiarata contumace su istanza dell'altra. Come conseguenza il processo è regolato da forme proprie del procedimento contumaciale*»[6]. Taħt ir-rit Malti, il-kontumaċja tal-konvenut tipprekludih milli jressaq eċċezzjonijiet u kif ukoll milli jressaq provi waqt is-smigħ tal-kawża, u f'dan is-sens il-ġurisprudenza lokali dejjem qieset l-istitut tal-kontumaċja bħala wieħed ta' natura punittiva, u ċjoè konsistenti minn sanzjonijiet li jiġu mposti kontra dik il-parti li tonqos mid-dmir tagħha lejn il-qrati li twieġeb għall-ordni biex tidher. Kemm hu hekk, ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited*** (Appell Superjuri, 28 ta' Jannar 2005) li: «*L-istitut tal-kontumaċja li dwaru ġie interpost l-appell in eżami minn dejjem kien suġġett ta' kontroversja. Dan hu hekk minħabba l-fatt li l-effetti tiegħu – ta' natura punittiva – huma odjużi. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali (ara wkoll id-deċiżjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummerċjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170)*».

12. Dan però ma jfissirx li l-kontumaċja tal-konvenut hija ekwivalenti għall-ammissjoni jew aċċettazzjoni tat-talbiet tal-attur. Anzi l-ġurisprudenza tagħna dejjem sostniet li l-

[6] ***Il Nuovo Digesto Italiano***, vuċi «Contumacia Civile», §2.

kontumaċja tfisser oppożizzjoni għat-talbiet tant li l-kontumaċi għandu dejjem dritt t'appell (ara f'dan is-sens ***Anthony Grech et vs. Joseph Farrugia et***, Appell Superjuri, 17 ta' Frar 2004), u dan iġib miegħu il-ħtieġa li f'kull każ, l-attur iressaq prova kif imiss tal-pretensjonijiet tiegħu (ara ***F Advertising Limited vs. Tano Farrugia et***, Appell Inferjuri, 30 ta' Novembru 2011; kif ukoll ***Canco. Cap. Mons. Don Isidoro Formosa, D.D. vs. Francesco Curmi***, Prim'Awla, 27 ta' Marzu 1914[7]). Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Joseph Vella vs. Pierre Cremona*** (Appell Superjuri, 10 t'Ottubru 2003):

> Il-kontumaċja ma teħlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwiżit tal-liġi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-aħjar prova. Mill-ftit li rnexxielu "jagħmel" il-konvenut, l-attur kien messu rrealizza li l-provi tiegħu in kwantu bażati biss fuq dikjarazzjoni unika tiegħu kienu insuffiċjenti. Il-Qorti ta' l-ewwel grad, in eżerċizzju tad-diskrezzjoni fdata lilha, dehrilha li l-attur seta' faċilment jippreżenta provi aħjar pero` huwa għażel li ma jagħmilx dan u għalhekk dehrilha li ma kienx ġust li tilqa' t-talbiet tiegħu għaliex b'hekk hija "tkun qegħda tħalli lill-attur jieħu vantaġġ mhux xieraq mill-kontumaċja tal-konvenut jekk toqgħod fuq il-kelma ta' l-attur biss".

13. Aktar riċentement, ġie deċiż *in re* **Paul Sammut et vs. Dr Simon Micallef Stafrace et noe** (Appell Superjuri, 9 ta' Mejju 2024) li: «*... biex l-attur jirbaħ il-kawża, huwa jrid mhux biss jegħleb l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iżda jrid juri wkoll li huwa għandu jedd li jressaq l-azzjoni magħżula minnu, għaliex jekk le, il-Qorti, ukoll jekk il-konvenuti ma jressqux eċċezzjonijiet, u anzi jibqgħu kontumaċi, ikollha tiċħad it-talbiet tiegħu (ara Kevin Attard v. Philip Cardona et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023)*».

14. F'dan is-sens għalhekk jibqa' doveruż għall-attriċi li ġġib prova skont il-liġi biex turi li l-pretensjonijiet tagħha huma tassew fondati, u dan anki fl-assenza ta' eċċezzjonijiet formali min-naħa tal-konvenuta.

15. Issa x-xiehda mhux kontestata ta' Emanuel Zarb, direttur tal-attriċi, turi li min-naħa tal-konvenuta tassew li kien hemm inadempjenza kuntrattwali. L-inadempjenza

[7] Kollezz. Vol.XXI.ii.225, fejn ġie ritenut li minkejja l-kontumaċja tiegħu, il-konvenut għandu dejjem: «*il suo diritto di interporre appello dalla decisione la quale dovrà purnondimeno essere sempre pronunziata in conformità alle regole stabilite del diritto giudiziario e probatorio*».

kontrattwali hija dik in-nuqqas min-naħa tal-parti debitriċi ta' obbligazzjoni fl-eżekuzzjoni eżatta u puntwali tal-prestazzjoni li tkun intrabtet li twettaq. Din l-inadempjenza kuntrattwali toħloq preżunzjoni ta' ħtija fil-parti debitriċi[8] li tista' tiġi mxejjna biss bil-prova ta' xi waħda mir-raġunijiet li l-liġi tammetti bħala skonġuranti l-ħtija, bħal ma huma l-forza maġġuri jew l-aċċident. Il-konsegwenza tal-inadempjenza hija li l-kreditur ikollu l-jedd għar-riżarċiment tad-danni[9].

16. Fil-Kuntratt, il-kontendenti ftehmu kondizzjoni riżoluttiva fil-każ li xi ħadd minnhom ikun ħati minn inadempjenza kontrattwali. Il-provi juru li l-Kuntratt ma ġiex osservat mill-konvenuta, u li t-talbiet tal-attriċi għal rimedju ma waslu mkien. Mhux talli hekk, talli jidher li l-konvenuta abbandunat il-Kuntratt meta hija waqqfet l-operazzjonijiet tagħha.

17. Għalhekk l-ewwel talba attriċi jistħoqqilha tiġi milqugħa.

18. It-talbiet rimanenti tal-attriċi jirrigwardaw il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li hija tgħid li ġarrbet minħabba l-inadempjenza tal-konvenuta.

19. L-artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li: «*Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet u tat-tibdil kif miġjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef*». Fejn l-inadempjenza ma tkunx doluża, id-debitur ma jkunx obbligat li jagħmel tajjeb ħlief għal dawk id-danni li kienu prevedibbli fiż-żmien li kkontratta l-obbligazzjoni[10].

20. Issa fil-klawsola numerata tmintax tal-Kuntratt, l-attriċi qablet li r-responsabbilità tal-konvenuta tkun limitata għal danni emerġenti biss, u r-responsabbilità għal telf ta' qligħ ġiet espressament eskluża. Mhux hekk biss, imma r-responsabbilità tal-konvenuta ġiet limitata għas-somma ta' ħamsin elf Ewro (€50,000)[11]. Pattijiet dawn li naturalment jinċidu fuq il-mod kif dawn it-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu kkunsidrati u deċiżi[12].

---

[8] Ara, per eżempju, ***Abdelkrim Bouharis et vs. Direttur Ġenerali għas-Servizzi tas-Saħħa et*** (Appell Superjuri, 10 ta' Ġunju 2024).
[9] Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili.
[10] Artikolu 1126 tal-Kodiċi Ċivili.
[11] Fol.16.
[12] Artikolu 1138 tal-Kodiċi Ċivili.

21. Il-Qorti eżaminat ix-xiehda ta' Josef Debono, li fuqha tistrieħ l-attriċi b'mod esklussiv. Jidhrilha li l-pretensjonijiet tal-attriċi għar-riżarċiment ta' pagi, kirjiet u spejjeż magħmula b'rabta mal-uffiċċju tagħha u ma' professjonisti nkarigati minnha ma jistgħux jiġu milqugħa, la darba ma ġiex ippruvat illi dawk l-ispejjeż ma kienux isiru li ma kienx għall-Kuntratt. Ix-xhieda prodotti mill-attriċi mkien ma qalu li l-operazzjonijiet tal-attriċi kienu limitati għall-Kuntratt, u li l-attriċi ma kellha ebda negozju ieħor għaddej fl-istess ħin li seta' jiġġustifika l-eżistenza ta' uffiċċju, ta' impjegati u ta' professjonisti li jagħtu servizzi ta' kontabilità u awditjar. Minħabba f'hekk, il-Qorti m'għandhiex il-konvinċiment li dawn l-ispejjeż setgħu jiġu evitati li ma kienx għall-eżistenza tal-Kuntratt. Dan jgħodd ukoll għal kull spiża oħra li dwarha talbet riżarċiment l-attriċi. L-attriċi kienet dejjem fid-dmir li turi in-ness kawżali bejn l-ammont li dwaru qed tippretendi riżarċiment u l-inadempjenza tal-konvenuta. Mingħajr il-prova ta' dak in-ness kawżali, l-ammont pretiż ma jistax jitqies ippruvat[13]. Kif ritenut fid-deċiżjoni ***Giovanni Sarè vs. Carmelo Farrugia ed altri*** (Appell Superjuri, 6 ta' Frar 1928)[14]: «*Che, perchè possa una persona ritenersi responsabile dei danni, fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresì che l'atto o l'omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ed effetto col pregiudizio sofferto dall'instante*».

22. Hekk ukoll, spejjeż li rriżultaw fl-akkwist ta' tagħmir elettroniku u għamara m'humiex riżarċibbli, la darba l-ġid miksub mill-attriċi baqa' għandha u seta' xorta jintuża għan-negozju tagħha.

23. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tqis ġustifikati:

- l-ispejjeż minfuqa mill-attriċi dwar reklamar: €9,728.44
- ammonti mħallsa lill-konvenuta b'rabta mal-Kuntratt: €9,334.18 u €17,450
- rifużjoni ta' depożitu: €5,000

24. Dan iġib l-ammont ippruvat bħala riżarċibbli lill-attriċi fis-somma ta' €41,512.

---

13 Ara ***Shalmi Bakery Limited vs. Louis Mula*** (Prim'Awla, 28 ta' Jannar 2016).

14 Kollezz. Vol.XXVIII.i.687.

25. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

(ii) tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

(iii) tilqa' t-tielet talba u b'hekk tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attriċi b'konsegwenza tal-inadempjenza tagħha fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf ħames mija u tnax-il Ewro (€41,512);

(iv) tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf ħames mija u tnax-il Ewro (€41,512), bl-imgħax legali dekorribbli mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

(v) tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur